



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA
TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT 2023 – CT/CA-008/2022MT**

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabilixxi ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni"), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-22 ta' Settembru 2019 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-028/2019),

Billi:

(1) Il-bord tat-tmexxija jenħtieġ li jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi ta' abbozz imħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz preliminari tal-baġit 2023 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness ma' din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Marzu 2022.

Għall-bord tat-tmexxija

(firma elettronika)

Christos Ellinides

Il-President

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2023



ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAGĦIT 2023

CT/CA-008/2022MT

WERREJ

- I. INTRODUZZJONI
 - A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
 - B. DĦUL
 - C. NEFQA
 - D. ATTIVITAJIET
 - II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – HARSJA ĠENERALI
 - III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – DETTALJI
- ANNES 1 – PJAN TA' STABILIMENT

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2023 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali;
- B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, b'mod partikolari li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi li għalihom jaħdem iċ-Ċentru, u mill-istituzzjonijiet u l-organi li magħhom ikun intlaħaq qbil dwar il-kollaborazzjoni bi skambju għal xogħol imwettaq minnha, inklużi attivitajiet interistituzzjonali;
- C. Tqassim tan-nefqa taċ-Ċentru skont it-titolu; u
- D. Tqassim tan-nefqa taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2023 u l-programm ta' ħidma għall-2023 billi tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività sabiex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Hija tistabbilixxi wkoll l-istruttura baġitarja konvenzjonali.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2023 jirrifletti l-istimi tad-dħul u tan-nefqa, kif inklużi fl-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni 2023-2025 taċ-Ċentru (Ref. CT/CA-002/2022). Dan jitthejja f'konformità mal-Artikoli 35-37 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru. Sabiex iħejji l-abbozz preliminari tal-baġit 2023, iċ-Ċentru wettaq analiżi tan-nefqa prevista tiegħu u kiseb il-previżjonijiet tal-klijenti.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2023 tħejja abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2023, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma espressi f'euro.

Prezzijiet applikabbli fl-2023:

Is-servizz provdut	Standard (EUR)	Bil-mod (EUR)	Urgenti (EUR)	Urgenti hafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	87.00	82.00	108.00	156.00
Traduzzjoni doganali (prezz għal kull paġna)	82.00	78.00	102.00	148.00
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	163.40	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	57.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	37.00	44.00	
Traskrizzjoni (prezz kull minuta)	8.50	6.50	10.50	
Traskrizzjoni Awtomatika (prezz kull minuta)		EUR 2.00		
Trade marks (prezz għal kull paġna)		EUR 41.71 għal 187 360 paġna		
Posteditjar ħafif (prezz għal kull paġna)		EUR 49.00		
Paste 'n Go (prezz għal kull paġna)		EUR 82.00		
Traduzzjoni Awtomatika (prezz għal kull paġna)		EUR 0.30		
Disinji komunitarji (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		

Reviżjoni tal-listi tat-termini (prezz għal kull terminu)	EUR 2.50
Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum)	EUR 900
Konsulenza dwar il-lingwa (prezz għal kull persuna/jum)	EUR 900
Sottotitolat (prezz fil-minuta)	EUR 41.00

Flasijiet addizzjonali applikabbli fl-2023:

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (flas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	15.00
Format PDF u dokumenti stampati (flas addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors)	12.00
Dokumenti kunfidenzjali (jiġifieri Dokumenti Klassifikati/Sensittivi mhux klassifikati) (flas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (flas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	10.00
Upload tad-dokumenti tas-sit web (flas addizzjonali għal kull lingwa fil-mira (fajls multipli) jew għal kull talba (fajl uniku))	10.00

B. DĦUL

Id-dħul totali previst għall-2023 huwa ta' EUR 47.7 miljun, b'EUR 47.7 miljun fit-Titoli 1-4. Il-previżjoni tad-dħul tinqasam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	46 701 500
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (istituzzjonijiet Ewropej)	694 100
4. Dħul ieħor	268 500
5. Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti u trasferimenti minn riżervi mis-snin preċedenti	p.m.


Id-dħul previst taċ-Ċentru huwa bbażat fuq l-istimi pprovduti mill-klijenti tiegħu. Għalhekk irid jiġi enfasizzat li d-dħul stmat huwa soġġett għal tibdil, skont il-ħtiġijiet reali tal-klijenti u l-baġits tagħhom. Abbażi tal-previżjonijiet tal-klijenti, id-dħul stmat għall-2023 fit-Titolu 1 huwa ta' EUR 46.7 miljun meta mqabbel ma' EUR 48.1 miljun fil-baġit tal-2022 (-2.9 %). Id-dħul previst għall-2023 huwa ta' EUR 1.6 miljun aktar (3.6 %) mid-dħul reali ta' EUR 45.1 miljun riċevuti mill-klijenti fl-2021.

L-akbar klijent taċ-Ċentru, l-EUIPO ("l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea"), ippreveda tnaqqis fid-dħul ta' EUR 0.5 miljun (-5.5 %) għat-traduzzjoni tat-trademarks tal-UE fl-2023 (Partita 1006) meta mqabbel mal-baġit tal-2022. Id-dħul previst għall-2023 huwa ta' EUR 3,1 miljun inqas (-28.6 %) mid-dħul reali riċevut għat-traduzzjoni tat-trademarks tal-UE fl-2021. Barra minn hekk, il-previżjoni tad-dħul tal-EUIPO għal servizzi oħra tibqa' fl-istess livell bħall-baġit tal-2022, jiġifieri EUR 5.5 miljun fl-2023 (Partita 1005), u dan huwa 11.7 % ogħla (EUR 0.6 miljun) mid-dħul riċevut għal servizzi oħra fl-2021. Il-previżjoni ġenerali tagħhom għall-2023 hija 16.1 % inqas (EUR 2.6 miljun) mid-dħul totali riċevut mill-EUIPO fl-2021.

Bidliet sinifikanti oħra li jistgħu jiġu nnotati meta mqabbel mal-baġit tal-2022 huma tnaqqis fil-previżjonijiet mis-CEPOL (“Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi”) b’74.8 % (EUR - 121 600), l-EUAA (“Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil”) b’20.1 % (EUR - 583 200), l-ESMA (“Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq”) b’17.4 % (EUR - 103 900) u l-eu-LISA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) b’8.4 % (EUR - 102 700). Meta mqabbel mal-baġit tal-2022, l-Ombudsman Ewropew żied il-previżjoni tiegħu b’99.8 % (EUR 102 200). Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-Taqsima D, “Attivitajiet”, u fil-Parti III, “Dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa - Dettalji”.

Id-dħul fit-Titolu 3 jikkorrispondi għad-dħul li ċ-Ċentru jirċievi fil-kapaċità tiegħu bħala maniġer tal-baġi tad-*data* tal-IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa). In-nefqa taċ-Ċentru għall-IATE hija rreġistrata fin-Nefqa (Kapitolu 31).

Illustrazzjoni 1. Dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2021-2023 (Titoli 1, 3 u 4)



Minbarra d-dħul mill-klijenti tiegħu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru qed jipprevedi dħul addizzjonali fit-Titolu 4, li prinċipalment jinkludi l-imgħax bankarju, u dħul mill-ospitar ta’ servizzi ta’ ċentri tad-*data* għall-ERA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji). Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2023 huwa ta’ EUR 268 500, li huwa 1.4 % inqas mill-baġit tal-2022 u 68.7 % inqas mill-eżitu tal-2021.

Ma hemm l-ebda hteġa li l-appropriazzjonijiet mir-“Riżerva għall-istabilità tal-prezzijiet” jiġu ttrasferiti fi dħul, u dan iħalli bilanċ stmat ta’ EUR 8 933 996 fir-riżerva fi tmiem l-2023. Għal skopijiet ta’ informazzjoni, wara li jiġi riportat is-surplus baġitarju tal-2021 sal-2022, il-bilanċ stmat tar-riżerva għall-istabilità tal-prezzijiet ikun ta’ EUR 10 052 151.


C. NEFQA

In-nefqa prevista taċ-Ċentru għall-2023 hija ta’ EUR 47.7 miljun. Fit-Titoli 1-3, il-baġit tal-2023 huwa anqas (-0.9 %) meta mqabbel mal-baġit tal-2022 u huwa 7.6 % oġhla mill-eżitu tal-2021. Din iż-żieda mill-2021 sal-2023 hija dovuta għall-aġġustamenti tas-salarju previsti fl-2022 u fl-2023 kif ukoll għal infiq ieħor li huwa wkoll soġġett għal indiċizzazzjonijiet li x’aktarx iwasslu għal nefqa oġhla fl-2023. Barra minn hekk, din iż-żieda fit-Titoli 1 hija parzjalment ikkumpensata mit-tnaqqis fit-Titolu 2 u fit-Titolu 3 bħala riżultat tan-negozjati l-ġodda relatati mat-tnaqqis tas-superfiċje tal-art tal-bini u t-tnaqqis tal-volum ta’ esternalizzazzjoni lill-fornituri esterni tas-servizzi tal-lingwi. Il-previżjoni tan-nefqa tinqasam kif ġej:

Titolu	Nefqa (EUR)
1. Persunal	28 959 500
2. Bini, tagħmir u nefqa operatorja mixxellanja	8 222 200
3. Nefqa Operazzjonali	10 482 400
10. Riżervi	p.m.

Sabiex iwieġeb għaż-żieda ġenerali fil-kostijiet tal-persunal, spejjeż oħra marbuta mal-indiċi u l-ispejjeż tal-IT, iċ-Ċentru qed ikompli jjeħu diversi miżuri biex inaqqs in-nefqa baġitarja tiegħu. L-azzjoni ewlenija kienet li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-approprijazzjonijiet tan-nefqa fil-maġġoranza tal-entrati tal-baġit biex ikopru biss dak li huwa mistenni li jkun meħtieġ. Dan ifisser li ċ-Ċentru naqqas il-marġni tiegħu għal minimu fil-linji baġitarji ewlenin u għalhekk il-flessibilità tiegħu titnaqqas b'mod sever. Farsa ġenerali lejn in-nefqa skont it-titolu, inkluż tqabbil mal-baġit tal-2022 u l-eżitu għall-2021, hija ppreżentata fl-illustrazzjoni ta' hawn taft.

Illustrazzjoni 2. Nefqa mqassma skont it-titolu u s-sena: 2021-2023 (Titoli 1, 2, 3 u 10) *



* Titolu 1: "Persunal"; Titolu 2: "Bini, tagħmir u nefqa operatorja mixxellanja"; Titolu 3: "Nefqa operazzjonali"; u Titolu 10: "Riżervi." Il-baġit għat-Titolu 10 fl-2023 huwa *pro memoria* (p.m.), fl-2022 huwa ta' EUR 926 000 u jidher bħala "0" fl-2021.

Titolu 1: IL-PERSUNAL

Il-baġit għat-Titolu 1 fl-2023 huwa ta' EUR 29.0 miljun, 0.7 % ogħla mill-baġit tal-2022, li jirrappreżenta żieda ta' EUR 191 300. Il-baġit taċ-Ċentru jipprevedi aġġustamenti annwali potenzjali tas-salarju, stmati għal 1 % fis-sena, kif ukoll avvanzi u promozzjonijiet ta' kull sentejn. Il-baġit huwa bbażat fuq Pjan ta' Stabbiliment ta' 196 pożizzjoni, li jibqgħu fl-istess livell bħal dak approvat mill-Awtorità Baġitarja għall-2022. Il-baġit iqis ukoll fatturi bħall-proporzjon tal-fatturat u x-xejriet tax-xogħol tal-persunal. Dan kollu ta' hawn fuq iwassal għal żieda ta' 0.5 % (EUR 94 500) fl-Artikolu 110, "Persunal f'impjeg attiv", filwaqt li l-baġit għall-persunal bil-kuntratt (Partita 1115) żdied b'1.4 % (EUR 22 800) fl-2023 meta mqabbel mal-baġit tal-2022. Din iż-żieda kienet tikkonċerna biss l-aġġustamenti potenzjali annwali tas-salarju. Mill-2022, is-CdT irċieva talba mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għal proġett ta' traduzzjoni kunfidenzjali. Iċ-Ċentru jistma li għal dan il-proġett ikun jeħtieġ f'ames pożizzjonijiet

addizzjonali (erba' pożizzjonijiet ta' persunal kuntrattwali f'FG IV u waħda ta' persunal kuntrattwali f'FG III) għal sitt xhur u l-appropriazzjonijiet korrispondenti għall-2022 bil-possibilità li dawn jiġu estiżi aktar jekk l-UPPE jibgħat volumi addizzjonali fil-kuntest tal-istess proġett. Ir-riżorsi addizzjonali se jkunu ddedikati biss għall-proġett tal-UPPE. Konsegwentement, il-baġit 2023 jista' jiġi rivedut jekk il-proġett tal-UPPE jiġi estiż.

Titolu 2: BINI, TAGĦMIR U NEFQA OPERATORJA MIXXELLANJA

Il-baġit għat-*Titolu 2*, "Bini, tagħmir u nefqa operatorja mixxellanja", huwa ta' EUR 8.2 miljun fl-2023. Dan naqas b'0.6 % meta mqabbel mal-baġit tal-2022. Dan it-tnaqqis huwa prinċipalment dovut għan-negozjati l-ġodda relatati mat-tnaqqis fl-erja tas-superficije tal-bini; il-pjan biex jiżdied it-telexogħol, u l-implimentazzjoni tat-tieni ċentru tad-*data*.

Għandu jiġi enfasizzat li n-nefqa fit-*Titolu 2* tinkludi n-nefqa għall-ospitar ta' ċentru tad-*data* għall-ERA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji"). F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut mill-ERA huwa rreġistrat bħala dħul, għall-kuntrarju tat-tpaciġa tan-nefqa.

Titolu 3: NEFQA OPERAZZJONALI

Il-baġit għat-*Titolu 3*, "Nefqa operazzjonali", ikopri l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni, tas-servizzi tekniċi relatati mas-servizzi lingwistiċi, mal-kooperazzjoni interistituzzjonali, u mal-programm eCdT. Dan jammonta għal EUR 10.5 miljun fl-2023, tnaqqis b'5.3 % meta mqabbel mal-baġit tal-2022. Dan huwa EUR 0.5 miljun inqas mill-eżitu tal-2021.

Il-baġit għas-servizzi ta' traduzzjoni esterna jikkostitwixxi l-parti ewlenija tal-baġit tat-*titolu*, jiġifieri 92.8 % fl-2023. Il-kostijiet reali ta' dawn is-servizzi jiddependi fuq għadd ta' fatturi, bħal bidliet fil-klassifikazzjoni tal-fornituri taħt kuntratti qafas eżistenti u l-prezzijiet miftiehma taħt kuntratti qafas futuri, li jiddependu wkoll fuq l-iżviluppi ekonomiċi fl-Istati Membri. Il-baġit għall-2023 huwa ta' EUR 9.7 miljun, li huwa konformi mal-volumi previsti kif ukoll mal-aspettattiva taċ-Ċentru li l-investment fit-teknoloġiji tat-traduzzjoni se jkollu impatt pożittiv fuq in-nefqa fuq is-servizzi tat-traduzzjoni esterni. B'mod ċar, in-nefqa reali se tiddependi ħafna fuq id-domanda reali mill-klijenti taċ-Ċentru u l-impatt attwali tat-teknoloġiji tat-traduzzjoni.

Il-Kapitolu 31 jinkludi n-nefqa taċ-Ċentru għall-ġestjoni tal-bażi tad-*data* tal-IATE kif ukoll il-kontribuzzjoni taċ-Ċentru għal għodod interistituzzjonali oħra ġestiti mill-Kummissjoni. Il-kostijiet għal dawn l-għodod huma rregolati minn ftehimiet finanzjarji annwali bejn il-partijiet li jaġixxu fil-qafas tal-Kumitat Eżekuttiv għat-Traduzzjoni tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI).

D. ATTIVITAJIET

L-attivitajiet taċ-Ċentru huma definiti taħt erba' oqsma ta' attività fil-baġit tal-2023, kif stabbilit fid-dokument ta' programmazzjoni taċ-Ċentru 2023-2025: 1) Attivitajiet operazzjonali ewlenin; 2) Attivitajiet ta' appoġġ; 3) Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni u 4) Proġett/Innovazzjoni.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2023 huma allokat i għall-erba' oqsma ta' attività, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji inklużi fit-Titoli 1, 2 u 3 jew jiġu allokat i direttament jew indirettament lis-servizzi differenti taċ-Ċentru. Il-kostijiet indiretti huma allokat i għall-attivitajiet tagħna, u mbagħad konsegwentement għas-servizzi tagħna, permezz tal-mekkaniżmi tal-metodoloġija tagħna tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB). Id-dettalji huma stabbiliti fl-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni 2023-2025 taċ-Ċentru (Ref. CT/CA-002/2022).

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operazzjonali ewlenin	62.26 %	74.48 %	35 499 722
<i>Traduzzjoni</i>	23.7 %	20.9 %	9 953 022
<i>Reviżjoni</i>	0.0 %	0.0 %	1 046
<i>Modifika</i>	1.5 %	1.2 %	575 369
<i>Editjar</i>	0.2 %	0.0 %	23 399
<i>Traskrizzjoni</i>	0.0 %	0.0 %	1 607
<i>Sottotitolat</i>	0.0 %	0.0 %	4 554
<i>Terminoloġġja</i>	0.3 %	0.0 %	9 416
<i>Validazzjoni interna</i>	25.9 %	22.3 %	10 608 798
<i>Ġestjoni tat-talbiet tal-klijent</i>	1.8 %	1.4 %	651 913
<i>Ipproċessar preliminari tekniku u fformattjar preliminari (TECH+CAT)</i>	2.1 %	1.7 %	790 548
<i>Ġestjoni tal-esternalizzazzjoni</i>	1.5 %	1.1 %	544 636
<i>Ipproċessar ta' wara (cat+tech)</i>	1.3 %	1.0 %	478 620
<i>L-amministrazzjoni tal-memorji tat- traduzzjoni u tat-traduzzjoni</i>	0.9 %	0.7 %	346 587
<i>IATE</i>	0.4 %	1.7 %	825 206
<i>Attivitajiet operazzjonali ewlenin oħrajn</i>	2.7 %	22.4 %	10 685 004
Attivitajiet ta' sostenn	24.2 %	19.0 %	9 079 836
Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' sorveljanza	8.3 %	3.7 %	1 763 958
Proġett/Innovazzjoni	5.2 %	2.8 %	1 320 584
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10: "Riżervi" mhux allokat i għal attività	0 %	0 %	0
Total	100 %	100 %	47 664 100

Deskrizzjoni tas-sottoattività

Attivitajiet	Deskrizzjoni
<i>Traduzzjoni</i>	It-traduzzjoni ta' dokumenti u EUTMs. F'din l-attività, jitqies biss il-kostijiet tat-traduzzjoni interna, peress li t-traduzzjoni titwettag internament.
<i>Reviżjoni</i>	It-tradutturi interni jwettqu din l-attività, li tikkonsisti fit-tqabbil tal-verżjoni tradotta mad-dokument oriġinali.
<i>Modifika</i>	Il-modifika tad-dokumenti tradotti abbażi tal-kummenti riċevuti. It-tradutturi interni jwettqu din l-attività.
<i>Editjar</i>	L-editjar jikkonsisti fir-reviżjoni tal-verżjoni tradotta ta' dokument.
<i>Traskrizzjoni</i>	Il-konverżjoni ta' fajl awdjo u/jew vidjo f'test miktub ta' kwalità għolja permezz ta' teknoloġiji li jikkonvertu t-taħdit f'test.
<i>Sottotitoljar</i>	Sottotitoljar u traduzzjoni ta' materjal tal-vidjo.
<i>Validazzjoni interna</i>	L-evalwazzjoni tat-traduzzjonijiet imwettqa mill-fornituri esterni tas-servizzi.
<i>Ġestjoni tat-talbiet tal-klijent</i>	L-analiżi tal-ordnijiet tal-klijenti u d-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott (format, dominju, eċċ.)
<i>Il-proċessar preliminari tekniku u fformattjar preliminari (TECH+CAT)</i>	Li tirċievi talba ta' traduzzjoni u ttella' t-traduzzjoni fil-memorji tat-traduzzjoni u s-sistema tat-traduzzjoni awtomatika għal traduzzjoni sussegwenti. Huwa pass tekniku li fih għandu jittella' kull dokument. Dan jippermetti li l-memorji tat-traduzzjoni jaqblu mad-dokument ma' kwalunkwe memorji eżistenti u b'hekk jippermetti l-kalkolu tal-iskont potenzjali għall-klijenti.
<i>Ġestjoni tal-esternalizzazzjoni</i>	L-għażla ta' freelancers u l-istabbiliment u l-ġestjoni tal-kuntratti tagħhom.
<i>Il-proċessar ta' wara (CAT+TECH)</i>	L-ifformattjar tad-dokumenti u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni teknika.
<i>Il-ġestjoni tal-memorji tat-traduzzjoni u tat-traduzzjoni awtomatika</i>	L-organizzazzjoni u l-aġġornament tal-kontenut tal-memorji tat-traduzzjoni u tal-corpus tat-traduzzjoni awtomatika.
<i>Terminoloġija</i>	L-organizzazzjoni tal-attività ta' riċerka fit-terminoloġija (riċerka, traduzzjoni, verifika, eċċ.).
<i>IATE</i>	Il-ġestjoni tal-bażi tad- <i>data</i> tal-IATE
<i>Attivitajiet operazzjonali ewlenin oħrajn</i>	Tinkludi attivitajiet operazzjonali Ewlenin oħrajn bħall-Il-proċessar preliminari lingwistiku, is-Servizzi ta' traduzzjoni esterna...

It-tabella ta' hawn taħt turi l-għadd totali ta' paġni, termini u previżjoni tad-dħul għall-2023 meta mqabbel mal-baġit tal-2022. It-tabella turi l-previżjonijiet għall-2023 ipprovduti mill-klijenti. Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fil-Parti III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa - Dettalji".

	Abbozz preliminari tal- baġit 2023	Baġit 2022	Tqabbil
L-għadd totali ta' paġni tal-previżjoni tat-trademarks tal-UE	187 360	197 221	-5.0 %
L-għadd totali ta' paġni ta' dokumenti previsti	415 346	414 394	0.2 %
<i>L-għadd totali ta' paġni</i>	<i>602 706</i>	<i>611 615</i>	<i>-1.5 %</i>
L-għadd totali ta' listi ta' termini previsti	78 842	82 427	-4.3 %
Previżjoni tad-dħul totali mit-traduzzjonijiet, it-terminoloġija u l-listi tat-termini	46 701 500	48 101 600	-2.9 %

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – ĦARSA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, MILL-UFFIĊĊJI, MILL-ISTITUZZJONIJET U MILL-KORPI	46 701 500	48 101 600	45 069 367
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	694 100	663 100	632 642
4	DĦUL IEĦOR	268 500	272 400	858 682
5	SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MIS-SNIN PREĊEDENTI	p.m.	p.m.	0
	Riżerva għall-istabilità tal-prezzijiet	p.m.	p.m.	0
	Riżerva għal investimenti eċċezzjonali	p.m.	p.m.	0
6	RIFUŻJONIJET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	47 664 100	49 037 100	46 560 692
	NEFQA			
1	IL-PERSUNAL	28 959 500	28 768 200	25 693 924
2	BINI, TAGĦMIR U NEFQA OPERATORJA MIXXELLANJA	8 222 200	8 273 600	7 590 045
3	NEFQA OPERAZZJONALI	10 482 400	11 069 300	11 016 240
10	RIŻERVI	p.m.	926 000	0
	TOTAL	47 664 100	49 037 100	44 300 208

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA 2023 - DETTALJI

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
DĦUL					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	209 700	195 000	212 938	2 363 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	62 400	62 400	368 575	717 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	384 100	384 100	284 833	4 416 paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 289 000	3 296 300	3 403 699	Dokumenti: 35 140 paġna; listi ta' termini: 230 terminu
1004	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	645 400	639 000	1 092 984	7 419 paġna
1005	Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	5 470 500	5 470 500	4 898 966	Dokumenti: 54 687 paġna; listi ta' termini: 68 800 terminu; disinjati Komunitarji: 8 000 terminu
1006	EUIPO trade marks	7 815 200	8 268 600	10 941 719	187 360 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	38 700	38 700	32 818	445 paġna
1008	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	50 700	50 700	76 393	583 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Fajja u tax-Xogħol (Eurofound)	421 000	480 000	530 961	4 839 paġna
100	Artikolu 100	18 386 700	18 885 300	21 843 885	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	117 400	116 200	75 814	1 349 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 172 600	1 262 000	1 108 715	13 215 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)	p.m.	p.m.	7 218	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	225 700	225 700	283 477	2 595 paġna
1016	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	1 202 600	1 269 000	891 406	13 216 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	80 600	71 400	120 873	902 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
1018	Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)	32 300	32 300	0	372 paġna
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	278 500	275 700	116 287	3 201 paġna
101	Artikolu 101	3 109 700	3 252 300	2 603 790	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)	149 700	148 200	464 453	1 721 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	466 700	550 000	806 411	5 235 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	2 948 500	2 919 300	615 216	Dokumenti: 32 073 paġna; listi ta' termini: 460 terminu
1023	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni, u għall-Kultura (EACEA)	669 700	598 400	310 782	6 798 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	6 300	15 900	35 590	72 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	40 900	162 500	19 334	438 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea)	–	–	391 896	
1027	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)	30 600	27 400	48 136	348 paġna
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	4 700	4 700	13 412	54 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 682 100	1 682 100	2 018 080	18 414 paġna
102	Artikolu 102	5 999 200	6 108 500	4 723 311	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	345 000	358 500	267 632	Dokumenti: 3 887 paġna; listi ta' termini: 29 terminu
1031	Impriża Konġunta għall-Fużjoni għall-Enerġija (F4E JU)	51 800	51 800	10 788	596 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	p.m.	0	
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks (INEA)	16 700	22 400	20 479	183 paġna
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	6 900	6 000	3 790	78 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
1035	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	68 300	67 700	9 902	785 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)	1 994 800	1 955 700	139 285	22 929 paġna
1037	Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2 JU)	3 900	3 900	2 337	30 paġna
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	50 800	48 000	47 017	584 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	14 200	13 800	1 914	158 paġna
103	Artikolu 103	2 552 400	2 527 800	503 142	
1042	Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI JU)	5 000	5 000	4 817	Dokumenti: 48 paġna; listi ta' termini: 192 terminu
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2 JU)	1 900	2 400	1 914	22 paġna
1045	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	2 315 400	2 898 600	4 398 500	Dokumenti: 25 803 paġna; listi ta' termini: 1 200 terminu
1046	Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	294 300	320 000	205 711	3 469 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	492 900	596 800	561 923	5 952 paġna
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	858 700	858 700	1 236 511	9 772 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	257 500	283 800	105 730	2 855 paġna
104	Artikolu 104	4 225 700	4 965 300	6 515 107	
1050	Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (Uffiċċju BEREC)	139 700	152 300	33 415	1 697 paġna
1051	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	1 121 500	1 224 200	1 413 094	Dokumenti: 13 152 paġna; listi ta' termini: 391 terminu
1052	Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU)	4 200	4 200	2 001	48 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 488 300	1 475 100	1 240 073	12 000 paġna
1055	Skejjel Ewropej	64 200	63 600	106 648	738 paġna
1056	Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU)	9 600	9 500	3 656	110 paġna
1057	Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (ERJU)	p.m.	p.m.	12 472	
1058	Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs-JC)	p.m.	p.m.	0	
1059	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)	5 600	1 600	0	72 paġna
105	Artikolu 105	2 833 100	2 930 500	2 811 360	
1060	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	1 992 200	1 992 200	1 467 157	22 672 paġna
1061	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	4 110 700	4 080 400	—	Dokumenti: 35 169 paġna; Servizz tat-Traduzzjoni doganali dedikat
106	Artikolu 106	6 102 900	6 072 600	1 467 157	
1099	Dħul minn klijenti ġodda	p.m.	p.m.	1 038 466	
109	Artikolu 109	p.m.	p.m.	1 038 466	
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, MILL-UFFIĊĊJI U MILL-KORPI	43 209 700	44 742 300	41 506 218	
1100	Kummissjoni Ewropea	1 160 500	1 150 500	798 103	Dokumenti: 13 339 paġna. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-volumi stmati għad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi u DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ GROW id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorja u SMEs.
1101	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	34 650	
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	323 200	320 000	85 978	3 715 paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	12 600	12 700	149 891	145 paġna
1104	Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	p.m.	p.m.	318	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	6 256	
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	18 336	
1107	Bank Ċentrali Ewropew	58 800	58 800	48 160	676 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	204 600	102 400	266 431	2 328 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	1 732 100	1 714 900	2 155 027	19 909 paġna
110	Artikolu 110	3 491 800	3 359 300	3 563 149	
11	PAGAMENTI MILL-ISTITUZZJONIJIET	3 491 800	3 359 300	3 563 149	
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	46 701 500	48 101 600	45 069 367	L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
20	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	694 100	663 100	632 642	Din il-partita tkopri d-dħul riċevut minħabba l-ġestjoni ta' Ċentru ta' proġetti interistituzzjonali, b'mod partikolari l-proġett IATE.
300	Kooperazzjoni interistituzzjonali	694 100	663 100	632 642	
30	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	694 100	663 100	632 642	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	694 100	663 100	632 642	
4000	Imgħax bankarju	p.m.	5 000	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
400	Imgħax bankarju	p.m.	5 000	0	Dan l-artikolu jkopri l-imgħax li ċ-Ċentru jirċievi fuq il-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Flasijiet lura mixxellanji	98 500	97 400	688 682	
401	Flasijiet lura mixxellanji	98 500	97 400	688 682	Dan l-artikolu jkopri l-flasijiet lura mixxellanji, inkluż l-introjtu mis-sullokazzjoni tal-isparju tal-uffiċċju u tal-isparji tal-parkeġġ u l-ospitar ta' ċentru tad- <i>data</i> għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	170 000	170 000	170 000	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'appoġġ għall-flasijiet annwali tal-kiri taċ-Ċentru
402	Kontribuzzjonijiet oħra	170 000	170 000	170 000	
40	DĦUL IEĦOR	268 500	272 400	858 682	
4	DĦUL IEĦOR	268 500	272 400	858 682	
5000	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Settembru 2019.
500	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	
5010	Trasferiment minn "Riżerva għal investimenti eċċezzjonali"	p.m.	p.m.	0	It-trasferiment mir-"Riżerva għal investimenti eċċezzjonali" jikkorrispondi għan-nefqa fil-Kapitolu 32, "Nefqa relatata mal-programm eCdT".
5015	Trasferiment minn "Riżerva għall-istabilità tal-prezzijiet"	p.m.	p.m.	0	It-trasferiment mir-"Riżerva għall-istabilità tal-prezzijiet" huwa meħtieġ biex jiġi bbilanċjat il-baġit.
501	Trasferimenti minn riżervi minn snin preċedenti	p.m.	p.m.	0	
50	SURPLUS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MIS-SNIN PREĊEDENTI	p.m.	p.m.	0	
5	SURPLUS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MIS-SNIN PREĊEDENTI	p.m.	p.m.	0	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	Rifużjonijiet	p.m.	p.m.	0	
	Dħul Totali	47 664 100	49 037 100	46 560 692	
	NEFQA				
1100	Salarji bażiċi	16 656 300	16 596 800	15 224 983	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju.
1101	Benefiċċji tal-familja	1 555 200	1 541 000	1 324 825	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom u Sezżjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-benefiċċji tal-familja, tat-tfal dipendenti u tal-edukazzjoni għall-uffiċjali u għall-persunal temporanju.
1102	Benefiċċji ta' espatriazzjoni u residenza barranija	2 656 000	2 633 600	2 473 481	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-benefiċċji għall-espatriazzjoni u għar-residenza barranija għall-uffiċjali u għall-persunal temporanju.
1103	Benefiċċji segretarjali	10 200	11 800	8 117	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-benefiċċji tas-segretarjat imħallsa lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti-shorthand jew tajpisti, operaturi tat-telex, typesetters, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati li jirċevuha fix-xahar qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal f'impjeg attiv	20 877 700	20 783 200	19 031 405	
1113	Trainees	37 600	37 200	0	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mat-trainees.
1115	Persunal bil-kuntratt	1 708 400	1 685 600	1 410 555	Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
111	Persunal bil-kuntratt u trainees	1 746 000	1 722 800	1 410 555	Dan l-artikolu kien preċedentement imsejjaħ "Persunal awżiljarju u persunal lokali".
1120	Taħriġ professjonali tal-persunal	175 200	168 600	91 362	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
112	Taħriġ professjonali tal-persunal	175 200	168 600	91 362	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2023	Baġit 2022	Eżitu 2021	Rimarki
